**KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 35

It-Tnejn, 3 ta' Gunju, 2013

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida, is-Sur Stephen Sultana, Sindku Sta. Venera, is-Sur Maximillian Zammit, Sindku Ta' Xbiex u s-Sur Keith Tanti Sindku Tal-Pieta`.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 34 li saret nhar it-Tnejn, 22 ta' April, 2013, kienu approvati unanimament.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

Is-Sur Stephen Sultana qal li kien ra stramba li President gdid ma nhatarx mill-membri l-godda tal-Kumitat tar-Regjun. Huwa qal li l-President kien ikun aktar komdu bil-vot tal-membri l-godda.

Il-President qal li wara li l-President precedenti, Dr. Malcolm Mifsud ma regghax ikkontesta, ir-Regjun ma setghax jibqa' bla President u ghalhekk saret il-hatra tieghu dakinhar stess.

***cctv f' Sta. Venera hdejn il-LIDL***
Is-Sur Stephen Sultana qal li din il-camera baqghet ma taqdix il-funzjoni taghha. L-Authorised Officer qal li l-problema hija li dawn il-cctv's ma jaqbdux irregolaritajiet li jkunu qed jiccaqilqu. Ghalhekk issugerixxa li jitpogga gwardjan fil-post sabiex jinqatghu dawn l-abbuzi. Problema ohra hija li l-Guard and Warden m'ghandiex nies bizzejjed sabiex jaghmlu l-*monitoring* ta' dawn il-cctv's. Il-Vici President qal li jekk qed jizdiedu l-cctv's, il-Guard and Warden ghandhom jaraw li jkollhom ukoll *monitoring* adegwat.

**SERVIZZ TA' DEBT COLLECTION TA' MULTI PENDENTI**

Il-President u l-Vici President qalu li kienu ltaqghu ma' l-avukati nteressati li jaghmlu dan is-servizz. Il-proposta hija li dawn l-avukati jibghatu l-ittri ufficcjali dwar il-multi pendenti minghajr hlas ghar-Regjun. Huma jiehdu persentagg, li ghad irid jigi miftiehem mar-Regjun, minn dawk il-multi li jigu mhallsa.

Filwaqt li kien hemm qbil fil-principju dwar dan, kien hemm qbil li dawn jattendu waqt laqgha ohra tar-Regjun sabiex tigi diskussa din il-proposta.

***SCANNING* TA' DOKUMENTI RELATATI MAS-SISTEMA TA' L-INFURZAR LOKALI**

Il-President qal li hemm problema kbira bil-karti li qed jigu akkumulati mis-sistema ta' l-infurzar lokali. Hemm problema bil-*garage* tal-Kunsill Lokali Birkirkara li fih hemm numru minn dawn id-dokumenti u li issa l-Kunsill ghandu bzonn dan l-ispazju. Il-Kumitat qed jikri wkoll *garage* iehor Bahar ic-Caghaq li wkoll wasal biex jintela'. Ghalhekk issugerixxa li tinhareg sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' *scanning* ta' dawn id-dokumenti. Qal ukoll li l-Kumitat Kongunt diga qabel li jsir dan l-ezercizzju ghal dokumenti li jirrigwardaw lilu u hareg sejha ghall-interess ghal dan is-servizz.

Is-Sinj. Margareth Baldacchino staqsiet kemm kienet tigi s-sistema kieku kellhom jigu *scanned*.

L-Agent Segretarju nforma li d-Dipartiment kien baghat struzzjonijiet sabiex dokumenti dwar multi li m'humiex suggetti ghal aktar azzjoni legali jew amministrattiva jew ohrajn li huma preskritti m'hemmx il-htiega li jinzammu *records* taghhom kemm b'mod elettroniku kif ukoll b'mod fiziku. Id-dokumenti l-ohra dwar multi li ghadhom pendenti ghandhom jinzammu b'mod fiziku.

Il-President qal li kienet ser tghaddi ligi biex dokumenti ikunu jistghu jigu *scanned* u jkunu jistghu jigu distrutti l-karti.

Is-Sur Max Zammit qal li jekk hemm volum kbir ta' karti, dan se jinvolvi spiza kbira.

Is-Sur Stephen Sultana qal li jekk hemm struzzjonijiet sabiex jinzammu d-dokumenti, xorta mhux ser tissolva l-problema ta' spazju jekk dawn jigu *scanned* ghax il-karti xorta jridu jinzammu.

Il-Vici President issugerixxa li r-Regjun jistenna l-*feedback* li ser ikollu l-Kumitat Kongunt dwar dan is-servizz u wara jiddeciedi. Il-Kumitat qabel dwar dan.

Is-Sur Anthony Chircop issugerixxa li sadanittant jibdew jigu maghzula dawk li huma mhallsa u *withdrawn* sabiex jigu distrutti.

**KORRISPONDENZA**

- Dwar tigdid tal-kuntratt ma' l-Enemalta sabiex jintuzaw l-arbli taghhom ghal cctv's li jinsabu fir-Regjun, kien hemm qbil li dawn ghalissa jinzammu *on hold*;

- Dwar il-kuntratt tal-kera tal-*garage* ta' Bahar ic-Caghaq, kien hemm qbil li dan jigi mgedded ghal sitt xhur ohra;

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT**

***Premises tar-Regjun***
Il-President qal li min ikun jaf b'xi *premises* fil-konfini tar-Regjun Centrali u li jkunu tajbin sabiex minnhom jopera r-Regjun flimkien mat-Tribunal, ghandu jinforma b'dan lir-Regjun.

***Dawl tat-toroq***
Il-President qal li l-Ministru kien informa li l-process ghad-devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq kien miexi.

***Pool tas-Segretarji Ezekuttivi***
Il-President informa li kienet ser tohrog sejha anki ghal nies minn barra c-civil sabiex ikunu jaghmlu parti mill-*pool* tas-Segretarji Ezekuttivi u b'hekk tispicca l-problema ta' nuqqas ta' Segretarji Ezekuttivi.

## APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

Il-President, ssekondat mill-Vici President ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 35. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

Is-Sur Stephen Sultana ippropona li fix-*Schedule of Payments* jidhlu wkoll is-salarji ta' l-impjegati.

## TMIEM

Fit-7.15pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President